MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2001/2002

**Rita Delmar**

**Vs**

**Emanuel Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm301.76), danni sofferti minnha fil-vettura FAU 816 li kienet involuta f'incident tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza tirreferi ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta’ Jannar 2002 gewwa Triq is-Sienja, Qormi.

2. Il-partijiet taw verzjonijiet kontrastanti dwar kif sehh l-incident. Filwaqt li l-attrici tghid li fil-hin ta’ l-incident il-vettura taghha kienet wieqfa, il-konvenut xehed li l-vettura tieghu kienet wieqfa u li l-attrici rriversjat ghal fuqu. Verzjonijiet li nsibu wkoll fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz [fol. 19].

3. Mill-provi rrizulta bic-cjar li l-konvenut ghamel manuvra li biha kif wasal fit-tarf ta’ Triq is-Sienja qatgha fil-qasir biex jidhol gewwa Triq Freemond. Il-konvenut xehed:-

(a) Il-vettura ta’ l-attrici [tat-tip Maruti] baqghet diehla fil-vann tieghu ghal tlett darbiet. Mill-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz ma jirrizultax li l-vettura misjuqa mill-konvenut garrbet xi hsara. Dan minkejja l-fatt li l-attur xehed li kellu l-hsara *“fin-nofs tal-kaxxa tal-van”*.

(b) Wara l-incident l-attrici saqet il-quddiem u l-vann iccaqlaq lura.

(c) *“Jiena nghid illi ma kontx wrong side meta kont hiereg minn Watermill Street ghal gewwa Freemond Street”*.

Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut m’hijiex wahda verosimili. Il-provi juru bic-cjar li hekk kif gie biex jidhol fi Triq Freemond, huwa mar fuq in-naha l-ohra ta’ Triq is-Sienja. Dan meta jirrizulta li ma kien hemm xejn fit-triq li kien qieghed iservi ta’ ostakolu sabiex il-konvenut izomm triqtu. Inoltre, il-verzjoni li ta l-konvenut dwar dak li suppost li gara wara l-impatt ma tikkonvinci xejn lit-Tribunal. Pjuttost it-Tribunal jemmen li kien il-konvenut li caqlaq il-vann minn postu wara l-incident. Fir-cirkostanzi u wara li kkunsidra l-provi kollha, it-Tribunal

m’ghandu l-ebda dubbju li jiddikjara li l-verzjoni moghtija mill-attrici hija kredibbli u rnexxielha tipprova li ghall-incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

4. Dwar id-danni reklamati l-uniku rizerva li wiehed jista’ jkollu hija fir-rigward tal-bumper. Fis-survey report jinghad li l-bumper jitnaddaf, u mix-xhieda ta’ Josman Delmar irrizulta li l-bumper kellu biss brixx. Skond il-prospett li gie pprezentat mill-attrici d-danni jammontaw ghas-somma ta’ tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltija u hames centezmi (Lm354.05). Madankollu fl-avviz tat-talba l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u wiehed liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm301.76). It-Tribunal m’huwiex tal-fehma li ghandu l-jedd li minn jeddu jzied l-ammont mitlub mill-attur kif indikat fl-avviz tat-talba u minghajr ma saret talba ghall-korrezzjoni fl-avviz tat-talba. Fic-cirkostanzi, il-kwistjoni dwar il-*bumper* ma tibqax rilevanti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta’ Jannar 2002, jikkundannah ihallas is-somma ta’ tlett mija u u wiehed liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm301.76).

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------